## ZJIEDA II
## Xi Mistoqsijiet li jsiru lill-Ezorcista

Ma tahsibx li d-diskors fuq ix-xitan hu zejjed?

Le, ma nahsibx li hu zejjed. Naturalment id-diskors taghna hu dejjem iccentrat fuq Kristu. Hu l-Ahbar taghna. Hu l-Mulej ta' kull nisrani. Hu l-milja rar-rivelzzajoni. Imma rridu naghmlu wkoll diskors bibliku u attwali fuq ix-xitan. Anke jekk hu tellief, hu l-ghadu ta' min irid jimxi wara Gesù. Aktar ma taghraf min hu u l-qerq tieghu, aktar tkun taf kif tohrog rebbieh fuqu...bi Kristu, ma Kristu u fi Kristu ovvjament! Facli tehles minn dan id-diskors billi tghid: 'Dawn superstizzjonijiet, affarijiet tal-medjuevu, ma nemmnux fihom.'

Ghaliex dan il-ktejjeb fuq is-satanizmu u l-okkult ghaz-zghazagh?

Ghaliex nemmen li wahda mill-problemi l-kbar, u ghalija l-ikbar manifestazzjoni tal-Hazin, hi n-nuqqas ta' informazzjoni u formazzjoni religjuza fost iz-zghazagh taghna. Din u l-entuzjazmu zghazugh jistghu jsiru mira ta' l-azzjoni ta' Satana, li b'maskri, fosthom tant forom ta' okkult, ihajjar indirettament lill-qlub taz-zghazagh biexjorbothom mieghu. Kristu ghandu mhabba specjali ghall-entuzjazmu taz-zghazagh. U ma nistax ma nidholx fil-moviment qawwi ta' mhabbtU, specjalment meta quddiemi nara tant zghazagh li b'xi mod jew iehor jitolbuni daqqa t'id. Nista' nirrifjuta?

Satana hu tellief. Ghaliex jobghod daqstant lil bnedmin?

Nahseb li tlieta huma r-ragunijiet: ghaliex il-bniedem gie mahluq sura u xbiha ta' Alla u qanqal l-ghira tax-xitan li ra fil-bniedem il-hlejqa li kellha tiehu sehem fil-glorja ta' Alla. It-tieni ghaliex il-bniedem, minkejja l-waqgha tieghu, gie salvat permezz ta' Kristu li jsir bniedem bhall-bnedmin, b'gisem bhal taghom, u jifdihom bil-mewt u l-qawmien tieghu; b'hekk il-bniedem igawdi mid-don tal-mahfra ta' Alla u gie destinat ghall-glorja ahharija fi Kristu. It-tielet, ghax ir-rebha ta' Kristu kienet rebha decisiva fuq is-saltna tal-mibeghda tax-xitan li tintemm b'mod shih u definittiv fl-ahhar taz-zminijiet.

Ix-xitan jehodha kontra l-bniedem jew anke kontra l-affarijiet?

Jidhirli li x-xitan ghandu l-iskop li jehodha kontra l-bniedem, anke jekk jolqot [permezz tal-maghmul ecc) l-affarijiet u l-attivitajiet tal-bnedmin....l-iskop tieghu hu dejjem li jkisser jew jorbot mieghu l-bniedem. Hu jobghod lil bnedmin ghax permezz ta' Kristu saru ulied adottivi ta' Alla

u ghad jarawh kif inhu. Ghalhekk jipprova jkisser ir-relazzjoni tal-bniedem ma Alla b'kwalunkwe mezz; l-ewwel u qabel kollox permezz tad-dnub.

Imma jekk Alla hu Missier Tajjeb, possibli li jippermetti lix-xitan jattakka lil bniedem anke b'mod straordinarju?

Hi mistoqsija komuni hafna. Naghmilha xi kultant lili nnifsi quddiem persuni li jsofru fuq livell djaboliku u li mghandhom l-ebda htija. Imma nahseb li t-twegiba nsibuha jekk inharsu lejn il-bniedem u mhux lejn ix-xitan. Il-bniedem gie mahluq hieles. F'din ir-rejaltà tinsab id-dinjità tieghu. Il-bniedem jista' jaghzel it-tajjeb, jista' jaghzel il-hazin...u jkisser lil haddiehor: gwerer, mibeghda, tifrik, firda ecc. U jista' jinqeda wkoll bix-xitan biex jaghmel deni lil haddiehor. Ahsbu ftit f'min iqimu, f'min 'jitolbu', f'min anke jinvokah biex jaghmel deni lil haddiehor. Alla 'jippermetti l-hazen'...in kwantu jirrispetta l-helsien tal-bniedem - li ghad irid jaghti kont ta' eghmilu kollu lil Alla - anke jekk imhabbtU hi daqstant qawwija li Hu kapaci jbiddel il-hazen tal-bnedmin f'gid.

Tkellimt mill-maghmul, mis-sahta ecc. Ghaliex hafna nies imorru ghand is-shahar biex jehilsu minnhom?

Kristu biss jista' jfejjaq min-negattività marbuta ma' l-okkult, mad-deni li hu maghmul permezz tax-xitan. Hi rejaltà li spiss anke ahna l-insara ninsew. U facilment nimlew bl-eluf tal-liri il-bwiet ta' min jippretendi li ghandu s-setgha li jfejjaq...b'setgha gejja, jekk hemm, mill-istess okkult. Veru, ghal ftit zmien in-negattività tigi 'sospiza'...imma terga' lura b'qawwa ikbar! In-negattiv qatt ma jista' jwassal ghal fejqan u l-helsien...jista' jwassal ghal gwadann tas-shahar...u ghad disperazzjoni ta' min qed isofri min-negattività.

Kristu biss jista' jfejjaq. Kif?

Billi nersqu lejh, nintrabtu mieghu, nisimghu kelmtu, nafdaw kelmtu, nitghallmu nitolbu, nitghallmu nghixu fis-sincerità u l-verità s-sagramenti u l-hajja nisranija. Ma nghejiex ninsisti fuq l-importanza tat-taghlim, tal-formazzjoni, tal-hajja nisranija mghixha bl-ghajnuna ta' grupp, komunità. Forsi hu l-mument li nohorgu aktar ghad-dawl il-qawwa tal-fejqan ta' l-istess talb ta' helsien, u fuq kollox il-qawwa ta' l-ghageb tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija u tar-Rikonciljazzjoni. Nohorgu mir-rutina vojta, min-nofs kedda ta' celebrazzjoni, u nghixu dawn il-mumenti sbieh ta' celebrazzjoni.

L-ispiritizmu, il-ouijaboard...imma nista' nikkomunika ma l-ispirti tajbin?

In-nisrani jista' jikkomunika ma' l-erwieh, mal-qaddisin, ma l-ispirti tajbin...permezz ta' Kristu u ta' Kristu biss! Hu l-uniku li miet u qam mill-mewt, hu l-uniku mezz ta' komunikazzjoni. Ahna nitolbu ghal, mikkomunikaw ma' l-erwieh, mal-qaddisin 'bi Kristu Sidna', kif huma jintercedu ghalina dejjem permezz ta' Kristu Sidna.

Imma l-ezorcizmi huma necessarji meta int insistejt fuq is-sagramenti u talb ta' helsien?

Hemm kazi ta' oppressjoni u fuq kollox ta' possessjoni djabolika fejn jinhtieg it-talb ta' l-ezorcizmu u l-ministeru ta' l-ezorcista. Ma ninsewx li t-talba ta' l-ezorcizmu hi fil-fatt talba ta' helsien imma li fiha l-ezorcista, f'Isem Gesù u f'isem il-Knisja kollha, jikkmanda direttament lill-ispirtu hazin biex jitlaq. Dan jista' jaghmlu biss l-ezorcista li ghandu mandat specifiku mill-Isqof tal-post, mandat li hu anke garanzija ta' protezzjoni divina u ekklezjali. Izda jien nirrepeti: kemm ghandna bzonn 'nisfruttaw' il-kobor u r-rejaltà shiha tas-sagramenti li huma sinjali rejali ta' Kristu li jlaqqghana mieghu, ma' mhabbtu, mal-fejqan u l-helsien tieghu. Kemm nies, anke zghazagh, sabu l-ghajn tal-hajja fic-celebrazzjoni tas-sagramenti! U nghid id-dritt: kien l-entuzjazmu taz-zghazagh li jghixu fil-verità, fis-sincerità u fil-generozità is-sagramenti li dejjem ghamilli u jaghmilli tant u tant kuragg.

Kif sirt ezorcista? Ghamilt xi studji specjali?

Studji specjali? Le. Studjajt dak li hu mitlub ghal min qed ihejji ruhu ghas-sacerdozju...li sfortunatament ma kienx jinkludi fih ir-rokna ckejkna fuq id-dinja ta' l-okkult u s-satanizmu u l-ministeru specifiku ta' fejqan. Tghallimt xi haga ghax ghamilt esperjenza nahdem ma Don Gabriele Amorth, l-ezorcista ta' Ruma...u forsi ghal din l-esperjenza ckejkna li sibt ruhi fil-Kummissjoni Djocesana dwar is-Satanizmu u l-Okkult.

Ix-xoghol tieghi hu parti integranti tal-ministeru tieghi bhala sacerdot; li nxandar l-Evangelju u li nkun ta' servizz favur min jitlob il- fejqan u l-helsien f'isem Kristu. Hawnhekk inzid li hi proprja t-tbatija interjuri ta' tant persuni u zghazagh li jigu ghandna li ghenitni biex naqdi dan il-ministeru b'impenn...u nitlob ukoll li naghmlu b'imhabba. Hu servizz li fl-ahhar mill-ahhar, bhal kull tip ta' ministeru sacerdotali, jidhol fit-twettiq tal-mandat ta' Gesù: *Xandru l-bxara t-tajba, fejqu lil morda, keccu x-xjaten.*

Veru li l-ezorcista, bhal fil-films, hu attakkat mix-xitan?

Ix-xitan igarrab lil kulhadd. Dak xogholu. U Gesù ghallimna kif niddefendu ruhna: *Itolbu biex ma tidhlux fit-tigrib.* Dan nipproponieh lill-

persuni kollha li jigu ghandi...wara li jien ukoll nipprova nghixu. Aktar ma tikber ir-rabta pozittiva ma Kristu - b'kwalunkwe mod - aktar ahna mharsa, inkluzi l-ezorcisti, mill-attakki tax-xitan.

Veru li x-xitan ighidlek dnubietek waqt xi ezorcizmu?

Inwiegeb b'stqarrija generali: ix-xitan gostih icappsilna ma wiccna dnubietna. L-ewwel igarrabna, u meta naqghu, jakkuzana b'li ghamilna u b'li m'ghamilniex. Johloq fina 'l-indiema tax-xitan', dipjacir li jwassal ghal qtigh il-qalb u ghad-disperazzjoni. Hu l-Ispirtu Qaddis li jqanqal fina 'l-indiema gejja minn Alla,' dispjacir li jwassalna niddeciedu kontra d-dnub u nintelqu fil-mahfra ta' Alla li taghmel minna hlejjaq godda. Waqt l-ezorcizmu: l-ispirtu li jigi kkmandat f'Isem Gesù hu ddisprat - ighajjar lill-ezorcista b'li ghandu u b'li mghandux, b'kull kulur! Biex itellef il-qawwa tat-talba.

Ma tibzax quddiem il-manifestazzjoniet straordinarji tax-xitan?

Il-manifestazzjonijiet straordinarji mhumiex sbieh...anke jekk xi ftit tidrahom. Mhux dejjem. Hemm mumenti li umanament ikexkxuk u jqajmulek gismek xewk xewk. Imma t-talba ssir f'Isem Kristu. Marbutin mieghu mhemmx lok ta' biza}. Ix-xitan hu tellief. Kristu biss hu r-rebbieh! Meta umanament inhoss xi sens ta' biza', niftakar fil-biza' tieghi mill-wirdien. Hi l-wirdiena li trid tibza' u mhux jien! Ahseb u ara meta tintrabat mal-Mulej rebbieh!

Nibza aktar mill-manifestazzjonijiet ordinarji tax-xitan: l-indifferenza religjuza, il-perseveranza f}dnubiet gravi li wiehed jahseb li ma jistax johrog minnhom, l-injuranza religjuza, il-harba mir-rejaltà fid-droga u fl-alkohol, il-kuxjenzi mejta...dawn iva ibezzghuni. Spiss iwerwruni.

## Xi Mistoqsijiet li jsiru lil zghazugh.

X'importanza ghandu Kristu fil-hajja ta' zghazugh?

Nahseb li Kristu ghandu importanza fil-hajja ta' zghazugh skond il-prijorita' u l-importanza li z-zghazugh jaghtih. Jekk iz-zghazugh ikun inghata gharfien bizzejjed u allura hu jsir konxju li ma hawnx hlief zewg triqat x'taghzel, fl-ahhar mill-ahhar nistghu nghidu li z-zghazugh diga ha vantagg fil-ghazla tieghu. Jekk iz-zghazugh b'rieda hielsa jaghzel it-triq ta' l-indifferenza jew forsi anke tax-xitan, hija ovvja li ma jsibx post fejn jaghti importanza lill-Kristu. Jekk minn naha l-ohra iz-zghazugh jiehu decizjoni favur Gesù Kristu, bla dubju ta' xejn Kristu, u Kristu Haj, jinghata prijorità u importanza kbira.

Imma sfortunatament illum iz-zghazugh mhuwiex daqshekk radikali fid-decizjonijiet tieghu, allura spiss ikollna hafna zghazagh li jippruvaw jaghmlu l-impossibli jew l-uzu miz-zewg triqat. U t-tort kollu mhuwiex taz-zghazugh izda sforz l-injuranza spiritwali u sforz il-hidma fina u kontinwa tax-xitan fil-hajja taghna. Kieku iz-zghazugh kien aktar radikali allura il-hajja kien tkun isbah ghax kulhadd ikun jaf fejn jinsab mieghu nnifsu u ma haddiehor u nevitaw hafna il-maskri diversi, u l-qoxra li kultant, insibuha komda.

<u>Kristu ifejjaq u jehles. Kif fil-hajja ta' zghazugh?</u>

Irridu nifhmu li Kristu ifejjaq u jehles meta u kif irrid. Izda l-impenn li wiehed jiehu galadarba jiddeciedi li jghix favur Alla jista' ikollu ghajnuna kbira fil-fejqan u fil-helsin. Jekk zghazugh f'isem Kristu irrid jinheles minn attegjament kwalunkwe (gravi kemm hu gravi) huwa inutli li jitlob l-ghajnuna ta' Alla jekk ma jmidx naqra idu hu. Ghalkemm diga ghidna li ma jeziztux sistemi u formuli galadarba ma ahniex qed nitkellmu minn shahar, l-ahjar opra li zghazugh jista' jaghmel hu li jkun konkret f'hajtu imqanqal mit-taghlim ta' Kristu konxju li ghaliH ma hemm xejn li ma jistax issir.

<u>It-Taghlim, it-talb, is-smigh tal-Kelma ta' Alla, is-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni, l-Ewkaristija.... jista' jkollhom rilevanza ghal zghazugh ?</u>

Dawn l-elementi kollha li ssemmew hawn fuq jkollhom relevanza jew le skond id-decizjoni taz-zghazugh quddiem iz-zewg triqat rejali u possibli fil-hajja ta' kuljum. Jekk iz-zghazugh ma jsibx relevanza li jghix favur Kristu u l-hajja li gab mieghu lanqas mhu ha jsib rilevanza f'dan kollu li hawn fuq.

Jekk iz-zghazugh issib rilevanza f'Kristu u fil-hajja li hiipprezentata minnu permezz tal-kelma tieghu allura issib ukoll li it-taghlim, it-talb, is-smigh tal-kelma ta' Alla, is-sagrament tar-rikonciljazzjoni u l-ewkaristija, ma huma xejn hlief mezzi utli hafna kif wiehed jaghmel esperjenza ta' Alla b'mod aktar konkret u aktar shih.

<u>Imma l-fidi mhijiex harba mir-rejaltà taz-zghazagh illum.</u>

Ma jidhirlix li il-fidi hija harba mir-rejaltà taz-zghazagh illum. Anzi nahseb li is-sitwazzjoni hija bil-maqlub. Il-mod kif id-dinja moderna tipprezenta ir-rejaltà prezenti, ibbazata fuq il-materjalizmu u l-hajja relaxed, hija l-harba mir-rejalta tal-fidi. Nasal biex nahseb b'dan ir-ragunamet ghax nemmen u naf li Kristu innifsu hu l-awtur tar-rejaltà, Hu l-verità. Filwaqt li x-xitan hu l-awtur ta' l-illuzjonijiet. U jekk ahna, niddeciedu li nitkellmu minn rejalà ma nistghux ma ndahhlux lix-xitan fil-kredu b'mod indirett,

permezz tal-materjalizmu sfrenat li z-zghazugh ihabbat wiccu mieghu. Ghalhekk nasal biex nghid li l-fidi tipprezenta rejaltà filwaqt li 'r-rejaltà' pprezentata mid-dinja moderna hija falza.

Kristu jaghmlek differenti miz-zghazagh l-ohra?

La darba tiddeciedi li tghix favur Kristu, inti tkun iddecidejt li timxi wkoll fid-dawl. Minn jimxi fid-dawl ghandu aktar cans li jgharaf id-dghufijet tieghu u ghandu aktar cans ukoll li jhabbat wiccu mar-rejaltà tal-hajja galadarba Kristu hu Missier ir-rejaltà. B'dan il-mod zghazugh li jiehu decizjoni favur Kristu huwa zghazugh li lest li jkun differenti jekk dik hi r-rieda ta' Kristu ghalih. Il-hajja ma Kristu taghmlek differenti ghax kontinwament qed thabbat wiccek mar-rejaltà, u b'rejaltà mdawwla mill-presenza ta' Alla.

Satanizmu u okkult: moda, harba mir-rejaltà, diskors attwali ?

Nahseb wiehed jasal biex jipprattika s-satanizmu jew l-okkult, jew ghax jiehu d-decizjoni favur ix-xitan jew inkella ghax sahansitra jibqa bhal qasba tixxejjer mar-rih minnghajr ma jiehu l-ebda decizjoni, hlief dik favur lilu nnifsu. Hawnhekk idahhal denbu ix-xitan u jahdem bil-finezzi tieghu u jilludi bil-'powers' limitati tieghu basta dak li jkun jadurah kemm b'modi diretti kif ukoll b'modi indiretti.

Ragunijiet ohra jistghu jkunu kurzitajiet, il-bzonn li xi hadd jaghmel xi haga sabiex jidher u sabiex jakkwista certu sens fil-hajja jew certu self-esteem, mihabba problemi ta' inferiority complex...nahseb li huwa diskors attwali. Il-prattika ta' dan imsemmi ghalija huwa fil-fatt harba mir-rejaltà.